*KUNSENS VIZZJAT BI VJOLENZA JEW FRODI*

*ART 974 SA ART 981 TAL-KAP 16*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 20**
**Citazzjoni Numru: 2689/96/RCP**

**Anthony sive Tony Aquilina u martu Annunziata sive Nancy Aquilina**

**vs**

**Avukat Dottor Anthony H Farrugia bhala mandatarju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Mark James (Salvage) Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta’ Mejju 1996 fl-ismijiet “Robert Yates ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Mark James -Salvage- Limited vs Anthony sive Tony Aquilina (Citazz Nru 733/92) l-atturi gew mgieghla mill-konvenut nomine biex jikkostitwixxu ipoteka specjali favur tas-socjeta’ kreditirci fuq imsemmija; u

Illi l-atturi ipprezentaw rikors fit-23 ta’ Awissu 1996 ghal ritrattazzjoni ta’ din il-kawza quddiem il-Qorti tal-Appell a bazi ta’ l-Art.811 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni tal-Procedura Civili (Rap. 12) billi s-sentenza fuq imsemmija ttiehdet bil-qerq ta’ wahda mill-partijiet bi hsara ta’ l-ohra u senjatament tar-rapprezentanti tas-socjeta’ kreditrici, kif jirrizulta minn dokument deciziv li nstab wara s-sentenza u kienet ukoll l-effett ta’ zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza; u

Illi l-kunsens tal-atturi ghal kuntratt tat-8 ta’ Lulju 1996 (Dok.A) gie mehud bi vjolenza, b’ghemil doluz u gie moghti bi zball kontra d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 974 sal 981 tal-Kodici Civili (Rap. 16);

L-istess atturi talbu li ghalhekk il-konvenut nomine jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-kunsens ta' l-atturi ghal kuntratt tat-8 ta' Lulju 1996 fl-atti tan-Nutar Patrick Critien gie mehud bi vjolenza, ghemil doluz u gie moghti bi zball u ghalhekk ma jiswiex;

2. tiddeciedi u tiddikjara li l-kuntratt tat- 8 ta' Lulju 1996 li bih l-atturi kkostitwew ipoteka specjali fuq il-proprjeta' "Tal-Vittorja" Valletta Road, Mqabba favur is-socjeta' Mark James (Salvage) Limited huwa null u bla ebda effett skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra il-konvenut nomine il huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine a fol 12 tal-process fejn gie eccepixxa:

1. Illi huwa jichad bl-ikbar mod kategoriku illi l-kunsens tal-atturi ghall-kuntratt tat-8 ta' Lulju 1996 fl-atti tan-Nutar

Patrick Critien gie mehud b'ghemil doluz jew bi vjolenza jew gie moghti b'xi zball.

2. Illi l-atturi l-attur, kien assistit min-Nutar Patrick Critien matul in-negozjati li saru, sabiex l-attur u l-kreditur tieghu, Robert Yates assistit mill-esponent, waslu ghal ftehim, li kien intiz li jaghti lill-attur mhux biss nifs ghall-pagament izda mistrieh ta' ras li certa proprjeta' immobiljari li kellu, ma kienitx ser tigi minsusa mill-esponent u b'hekk l-attur ikun liberu li jkompli jinnegozja facilitajiet bankaiji biex jizviluppa Hotel li kien akkwista jew ser jakkkwista f'Tas-Sliema.

3. Illi l-azzjoni odjerna mhix hlief attentat abbuziv da parte tal-attur biex ifixkel lill-esponent nomine milli jigbor il-kreditu tieghu kif inhu munit b'att pubbliku res titolu ezekuttiv.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine a fol 12 tal-process.

Rat il-verbali tal-25 ta' Settembru 1997, tas-17 ta' April 1998 fejn xehed minn jeddu l-attur u tal-10 ta' Gunju 1998 fejn il-kawza giet differita ghas-7 ta' Dicembru 1998.

Rat in-nota tal-attur tal-10 ta' Gunju 1998 (fol 23).

Rat in-nota tal-atturi tal-4 ta' Dicembru 1998 fejn gie prezentat affidavit.

Rat il-verbal tas-7 ta' Dicembru 1998 fejn il-kawza giet differita ghat-22 ta' Frar 1999.

Rat in-nota tal-atturi tad-19 ta' Frar 1999 u l-affidavitsipprezentati (fol 30 sa 34 tal-process).

Rat il-verbal tat-22 ta' Frar 1999 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-affidavits ghall-11 ta' Gunju 1999.

Rat in-nota tal-atturi tal-4 ta' Gunju 1999 fejn gie prezentat affidavit (fol 38 sa 40).

Rat il-verbali tal-11 ta' Gunju 1999 fejn Dr Malcolm Pace iddikjara li m'ghandux provi aktar, tat-2 ta' Frar 2000 fejn xehedet in kontro-ezami tal-konvenuta, tal-24 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-12 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tisma' l-proiv kollha tal-konvenut u l-kawza giet differita ghall-31 ta' Jannar 2001.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal tal-31 ta' Jannar 2001 fejn id-difensuri tal-partijiet li nformaw lill-Qorti li l-provi ngabru mill-Assistent

Gudizzjarju u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II.     MERTU TAL-KAWZA ODJERNA.

Illi l-atturi permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju 1996 gew iddikjarati li huma debituri fil-konfront ta' Robert Yates ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mark James (Salvage) Limited, li hi s-socjeta` konvenuta fil-kawza odjerna. Illi wara tali sentenza, l-atturi kkostitwew ipoteka specjali favur is-socjeta` kreditrici permezz ta' kuntratt tat-8 ta' Lulju 1996. Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jattakkaw tali kuntratt peress illi qed isostnu li l-kunsens taghhom gie mehud bi vjolenza, b'ghemil doluz u gie moghti bi zball.

Inoltre` l-istess atturi pprezentaw rikors ghal ritrattazzjoni tal-kawza moghtija mill-Qorti tal-Appell fuq imsemmija u dan a bazi tal-Artikolu 811 tal-Kap 12.

Illi l-konvenut nomine min-naha tieghu jinnega li l-kunsens tal-atturi ghall-kuntratt imsemmi kien vizzjat. Anzi, huwa jsemmi li l-attur kien assistit min-Nutar Patrick Critien matul in-negozjati li saru sabiex l-attur u l-kreditur tieghu waslu

ghall-ftehim li kien intiz li jaghti lill-attur mhux biss nifs ghall-pagament izda mistrieh ta' ras li certa' proprjeta` immobiljari li kellu ma kienitx ser tigi minsusa u b'hekk l-attur kien liberu li jinnegozja facilitajiet bankarji biex jizvillupa Hotel li kien akkwista jew se jakkwista.

## III. PROVI.

**L-attur** meta xehed seduta stante qal illi l-kuntratt tat-8 ta' Lulju 1996 iffirmah tant kemm sfurzah l-Avukat Farrugia. Dakinhar kienu prezenti hu u martu, l-Avukat Farrugia u n-Nutar li ppublikah. Huwa qal li l-Avukat Farrugia, il-konvenut nomine, kien qallu li kien hemm sentenza kontra tieghu u li kemm hu kif ukoll martu kienu jafu b'dan. Inoltre` zied li ma kienx assistit minn avukat. Ix-xhud spjega li qabel ma dehru fuq il-kuntratt il-konvenut nomine kien insista mieghu li b'xi mod kien ser jirrangalu ma Robert Yates.

Sussegwentement l-attur ipprezenta affidavit fejn qal illi l-konvenut nomine kien qallu li jekk jaghmel il-kunttratt ta' kostituzzjoni ta' debitu huwa kien sejjer jirrangalu ma' l-Ingliz biex ihallas in-nofs ta' l-ammont u jevitalu l-bejgh bis-subbasta ta' daru. Pero` ma kienx jaf li kien qed jehodlu ipoteka specjali fuq id-dar fl-iskrittura. Xi zmien wara li ffirma, minghajr ma gie nfurmat, il-konvenut nomine beda proceduri bis-subbasta kontra tieghu ghall-bejgh tad-dar

ghall-ammont kollu li kien qed jippretendi u dan kontra l-ftehim.

Illi in kontro-ezami qal illi n-Nutar Critien qabdu hu u kien qed jidher ghall-interessi tieghu. Illi qabel ma sar il-kuntratt kien iltaqa' wkoll ma Yates quddiem l-istess Nutar. Illi hu sostna li gie sfurzat peress illi l-konvenut nomine beda jghidilhom li jekk ma jiffirmawx kienu se jehdulhom id-dar ecc. Huwa sostna li l-isfurzar sar bid-diskors, filwaqt li martu bdiet tibki nonostante li n-Nutar Critien beda jirrasiguraha. Ix-xhud gie wkoll mistoqsi rigward negozju li dak iz-zmien kellu ma' Bank u stqarr li hu minnu li b'mandat ta' sekwestru fuq id-dar il-Bank ma kienx itih flus, u kwindi kien importanti li l-mandati jitnehhew.

In-Nutar qralu u traducielu l-kuntratt. Aktar tard, hu qal illi l-bicca tal-hotel u tad-dar ma kellhomx x'jaqsmu. Huwa baqa' jsostni li ma kienx jaf li se ssir ipoteka fuq id-dar.

In re-ezami xehed li n-nutar hadu peress li qallu Dr Farrugia u li kiteb dak li qallu l-konvenut nomine. Hu kien jaf li l-iskop tal-kuntratt kien biex ma ssirx subbasta fuq id-dar. Inoltre`, kin minghalih li l-ammont fuq il-kuntratt kien se jkun anqas mill-ammont imsemmi fis-sentanza tal-Qorti tal-Appell. Qal li martu bdiet tibki, ma kienitx taf x'inhu ghaddej dak iz-zmien u li ma ridietx tiffirma l-kuntratt. Kwindi biex ma jarax il-mara kif kienet u bil-pressjoni tad-diskors iffirma.

Xehdet ukoll **l-attrici** li qalet li kienet taf li zewgha kellu kwistjoni ma' Bob Yates. Illi fis-7 ta' Lulju 1996 zewgha nfurmaha li l-ghada kellhom imorru ghand l-Avukat Farrugia l-Belt; u meta marru sabu lin-Nutar flimkien ma l-Avukat. Skond hi l-Avukat Farrugia nsista li kien hemm bzonn li jkun hemm kostituzzjoni ta' debitu u li hi riedet tiffirma. Hi qalet li ma rieditx tiffirma u bdiet tibki. Hasset illi kien hemm xi haga barra minn lokha peress li kienet sfurzata mill-konvenut nomine u rat lil zewgha nkwetat. Qalet ukoll li hi la taf tikteb u lanqas taqra; kif ukoll, li qalilhom li ma kienx hemm bzonn l-avukat taghhom peress li dak li kien ser isir kien favur taghhom. L-Avukat Farrugia qalilha li jekk ma kienitx se tiffirma kienu ser jehdulhom id-dar taghhom u tant ghamlilha pressjoni li ffirmat. Ziedet tghid li hadd ma qalilha li f'dak il-kuntratt kienet qed tigi kostitwita ipoteka fuq id-dar favur is-socjeta` ta' Yates.

In kontro-ezami qalet li hi ma tkellmet xejn dakinhar. Pero` taf li l-konvenut nomine qal lilha u lill-attur illi jekk hi ma kienitx se tiffirma kien se johrog mandat fuq id-dar ghall-hlas tad-dejn illi zewgha kellu ma Yates. Hi ma rieditx tiffirma u bdiet tibki. Qalet li hi ma fehmet xejn mid-diskors li ntqal, pero` bdiet tibki ghax hasset li kien hemm xi loghoba. Ghalkemm in-Nutar qralhom u anke fehmhom il-kuntratt bil-Malti dak il-hin ma fehmitx. Dan ghaliex kienet inkwetata u hassitha li kienet sfurzata. Hi ma rieditx tmur pero` zewgha qalilha li dak li kienu se jaghmlu kien ghall-gid taghhom. Hi ma felhitx tistaqsih lin-Nutar. Hu minnu

wkoll li wara li l-kuntratt gie ffirmat tnehhew il-mandat ta' qbid kif ukoll ir-rikors li kien se jsir biex tinbiegh id-dar.

In-**Nutar Dottor Patrick Critien** spjega illi fit-8 ta' Lulju 1996 gie nfurmat mill-klijent tieghu Tony Aquilina sabiex imur mieghu fl-ufficju ta' l-Avukat Farrugia.  Huwa sar jaf li dan kien l-avukat ta' Bob Yates.  Sar jaf li minhabba sentenza tal-Qorti tal-Appell l-attur kellu jaghti somma flus lill-kumpanija ta' Yates.  Ghalhekk il-konvenut nomine qal li fuq dan il-bazi ahjar li jigi ffirmat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, u b'hekk l-atturi jikkostitwixxu ipoteka fuq ir-residenza taghhom bhala garanzija.  L-attrici kienet prezenti u Dr Farrugia nsista li l-firma taghha kienet necessarja.  Ix-xhud ftakar li l-attrici ma kienitx taf x'se taghmel u ma xtaqitx taghmel xi haga ta' pregudizzju ghalihom, u l-impressjoni tieghu kienet li hi kienet qed thoss li kien hemm xi haga mhux sewwa, u anki bdiet tibki. Hu qal li "*wara pressjoni minn Dr Farrugia ghall-firma taghha, Mrs Aquilina cediet u, milli stajt nara kontra qalbha, ffirmat"*.  L-attur ukoll wara ezitazzjoni pero` fl-ahhar iffirma. Huma ma kellhomx maghhom avukat.".

In kontro-ezami, xehed li Aquilina kien klijent tieghu u f'dak iz-zmien kien f'xi akkordju fuq xi hotel.  Meta staqsih biex imur mieghu ghand l-Avukat Farrugia kien qallu biss li kellu jsir xi forma ta' kuntratt u kien meta wasal fil-post li saru jafu x'kellu jsir – cioe`, kostituzzjoni ta' debitu minhabba kawza li tilef.  Illi Yates kien insista li jittiehdu passi

ezekuttivi kontra l-attur u biex l-Avukat Farrugia jipprova jevitalu certi affarijiet qal biex issir kostituzzjoni ta' debitu.

In-Nutar xehed li hu kien spjega lill-atturi, li kienu qed jikkostitwixxu garanzija fuq id-dar. L-ezitazzjoni kienet peress li ghalkemm kien hemm is-sentenza huma kienu qed jikkontestawha. Biss, il-konvenut nomine bhala avukat ta' Yates beda jghidlu li jekk jiffirma l-kuntratt ma kienx se jipprocedi u dan peress li kellu *pressure* mill-Ingliz.

Illi n-Nutar iddikjara li hu kien spjega s-sitwazzjoni lill-atturi. Bhala nutar hu ma setax jaghti parir pero` spjegalu li jekk ma kienx se jiffirma Dr Farrugia kien se jipprocedi kontra taghhom peress li kellu f'idejh sentenza. Sa fejn jaf hu l-konvenut nomine ssospenda l-azzjonijiet, ghalkemm jinghad li l-attur ma pprocediex bil-kuntratt tal-Hotel.

Illi l-konvenut nomine **Dr Anthony H Farrugia** spjega li hu kien l-avukat tas-socjeta` barranija li x-*shareholder* principali taghha u direttur huwa Robert Yates. Illi kien hemm kawza fil-prim istanza u l-attur gie kkundannat ihallas is-somma mitluba minn Robert Yates, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez tal-kawza. Sar appell minn din is-sentenza u din giet ikkonfermata fl-intier taghha. Spejga kif imbaghad kien laqqa' lill-attur u lil Yates biex jaslu f'arrangament pero` ma rnexxiex. Baqghu li jhallsu fuq perjodu ta' zmien pero` ried ihallas l-ispejjez tal-kawza li zmien xahar filwaqt li jaghmlu l-kuntratt mertu tal-kawza odjerna. Il-konvenut nomine kien kellmu b'dan il-mod wara li kien ha passi

ezekuttivi peress li kien sema' li l-attur kien se jnehhi l-*main asset* tieghu minhabba negozju ma xi Bank dwar xi xiri ta' Hotel.

L-attur ha mieghu lin-Nutar Critien li spjegalhom is-sitwazzjoni u li kienet l-uniku rimedju biex jigu evitati l-passi ezekuttivi li kien qed jiehu. Sar il-kuntratt u ftehmu li fi zmien xahar kellu jaghtih l-ispejjez bhala sinjali ta' *bona fede* u min-naha tieghu l-Avukat Farrugia waqqaf il-mandati kollha. Biss il-flus ma hadhomx u kwindi beda l-proceduri bis-subbasta, u kif l-attur irceviehom ghamel talba ghar-ritrazzjoni li qeghda ghas-sentenza; u fetah il-kawza odjerna fejn talab ukoll illi l-passi li kien qed jiehu cioe` dawk tas-subbasta kellhom jigu sospizi ghar-ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni.

Huwa xehed li jeskludi bil-gurament li kien hemm kwalunkwe forma ta' vjolenza morali u jeskludi li n-Nutar Critien m'ghamilx dmiru. Skond hu, dan in-Nutar kien qed jirraprezenta l-interessi tad-debituri. Illi in kontro-ezami, qal li zmien biex ihallas fil-kuntratt m'hemmx. Ikun ghar-rikjesta. Ma kien hemm l-ebda riduzzjoni fl-ammonti. Il-kuntratt sar bl-Ingliz peress li ried jintbaghat lil Robert Yates. Hu ma kienx jaf li l-atturi ma tantx jifhmu jew jitkellmu bl-Ingliz. Pero` hu kkonferma illi n-Nutar fehmhom kelma b'kelma u l-import tal-istess kuntratt. Inoltre` qal ukoll illi ma kienx jaf li l-attrici ma tafx tikteb u taqra.

**Robert Yates** xehed li hu ftakar il-kwistjoni bejn il-partijiet. Illi hu jiftakar li gie darba Malta biex jiltaqa' mas-Sur Aquilina fl-ufficju tal-Avukat Farrugia u kien mar ma persuna ohra li kienet Nutar. L-attur offrielu Lm5,000 pero` ix-xhud m'accettax u ried is-somma kollha. Aktar tard, il-konvenut nomine nfurmah li kien hemm xi forma ta' arrangament quddiem in-Nutar ghall-liema ftehim hu ma kienx prezenti. Huwa kellu bhala rapprezentant lill-Avukat Farrugia u halla kollox f'idejh u ma jafx ezattament il-kontenut tal-kuntratt.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI

Illi l-kawza odjerna, kif diga inghad, hi bbazata fuq l-**Artikoli 974 sal-981 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. L-atturi, di fatti, qed isostnu li l-kunsens taghhom ghall-kuntratt tat-8 ta' Lulju 1996 gie mehud bi vjolenza, b'ghemil doluz u gie moghti bi zball.

Illi kif inghad fis-sentenza "**Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et**" (A.J.M. 10 ta' Marzu 1997 – Vol LXXXI.III.44), il-"*kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta' kuntratt u cioe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita*".

Kwindi l-kunsens ta' l-obbligat huwa element essenzjali ghall-ezistenza ta' obbligazzjoni. Illi skond l-**artikolu 974 tal-Kap 16**:

"*Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'ghemil doluz, ma jkunx jiswa*".

<u>(A) Bi Vjolenza</u>

**L-artikolu 978 (1)** ighid hekk: "*Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghla tibza' li hija nnifisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira*.

***(2)*** *F'dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta`, is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna*".

Illi fil-kaz **"Edgar G Soler noe vs H H Sir David Campbell noe**" (Vol XXXIII.II.431) inghad:

"*Illi skond il-ligi, il-vjolenza hija kawza ta' nullita` tal-kuntratt ghaliex tostakola l-liberta` tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f'vie di fatto jew minacci ezercitati kontra persuna biex jigi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx taghti. Hu pero` necessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt; jigifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jigi annulat minhabba l-vjolenza jehtieg li l-*

*kunsens ta' wahda mill-partijiet ikun gie estrat bi vjolenza; fi kliem iehor li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza ezercitata li tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata biex jigi raggunt skop divrs. Mhux bizzejjed li l-kunsens jigi moghti u l-kuntratt ikun sar taht pressjoni ta' forza insormontabili ghal dak li jkun ta l-kunsens; ghaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u nkonxjenti, u ghalhekk proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista guridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li tezercitaha biex tottjeni l-kunsens".*

Inoltre` f' **"Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo**" (Vol XXIX.II.749) intqal is-segwenti: "*Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi ... ... Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagni li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant*".

Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Frank Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et**" (16 ta' Gunju 1995 – Vol LXXIX.II.561) qalet:

"*Hu car pero` illi l-ezercizzju ta' dritt jew anke l-pretenzjoni ta' dritt kontra terz fl-ambitu ta' proceduri gudizzjarji bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala element kostituttiv ta' vjolenza*

*morali fit-termini tal-ligi. Fejn dak id-dritt jezisti ... ... – il-kreditur kien pjenament gustifikat li jezercitah u d-debitu ma jistax javanza l-pretensjoni li l-effett negattiv ta' l-ezercizzju ta' dak id-dritt kien tant serju li seta' jigi kkwalifikat bhala xi forma ta' vjolenza morali fuqu"*.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in kwistjoni ma jirrizultax li l-kunsens tal-atturi kien vizzjat ghax mehud bi vjolenza. Kif gie spjegat mill-Avukat Farrugia anki kif gie konfermat mill-atturi, dawn ta' l-ahhar kienu debituri tieghu wara li nqatghet sentenza kontrihom fl-ismijiet "**Robert Yates vs Anthony Aquilina**" – (AC 31 ta' Mejju 1996). Il-konvenut nomine kellu kull dritt, ladarba kellu titolu ezekuttiv f'idejh, li jipprocedi b'mandati sabiex jithallas tal-kreditu tieghu. Meta hu ssugerixxa li ssir kostituzzjoni ta' debitu ghax altrimenti kien se jipprocedi legalment, dan certament kien fid-dritt li jaghmlu u bl-ebda mod ma jista' jikkwalifika bhala xi forma ta' vjolenza morali fuqhom.

(B) <u>B'GHEMIL DOLUZ</u>

**L-artikolu 981** jippreskrivi li l-*ghemil doluz* huwa motiv ta' nullita tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta. Izda l-istess artikolu jkompli jghid li dan l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

Il-Qrati taghna dejjem kienu tal-fehma li mhux kwalunkwe ingann ta' kontraent wiehed ghad-dannu ta’ l-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mill-ligi bhala motiv ghall-annullabilita` ta’ kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontraent ingannat il-kuxjenza ta’ dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu u tali wkoll li minghajru ma kienx jikkuntratta (7 ta’ Dicembru 1935 – “**Nazz Dimech vs Nobbli Markiz Nazz Zimmermann Barbaro**” per W Harding).

**Is-subinciz (2) tal-artikolu 981**, inoltre jippreskrivi li l-ghemil doluz ma jistax jigi prezunt, imma ghandu jigi ppruvat. Fil-kaz in ezami jispetta lill-atturi li juru li fil-mument tal-kontrattazzjoni l-ingann allegatament adoperat mill-konvenut nomine svesta lill-atturi mill-arbitrju u volonta` taghhom b’tali mod li meta ffirmaw il-kuntratt tat-8 ta’ Lulju 1996 huma ma kienux jafu x’qed jaghmlu.

Issa mill-provi rrizulta li anke jekk li l-atturi ma jafux jitkellmu u jaqraw bl-Ingliz, kemm il-konvenut nomine u wisq aktar in-Nutar Patrick Critien li hu n-Nutar tal-istess attur spjegawlhom dak kollu li kien qed isir. Fil-fatt l-istess Nutar xehed b’mod skjett il-posizzjoni u l-kontenut tal-kuntratt lill-istess atturi, u dawn volontarjament ghazlu li jiffirmaw l-istess wara tali spjegazzjoni. Kwindi meta l-atturi jsostnu li ma kienux jafu li kienet se tigi kostitwita ipoteka specjali fuq id-dar, tali versjoni ma tantx hi kredibbli. U ghalhekk ma jistax jinghad li l-kunsens taghhom kien vizzjat b’ “eghmil doluz” ghaliex din il-Qorti ghandha l-

konvinciment morali li l-atturi kienu ben konsapevoli ta' x'kien qed jigri.

(C) <u>BI ZBALL</u>

Dwar vizzju tal-kunsens minhabba zball, il-ligi tiddistingwi bejn zball dwar il-ligi li ma jgibx nullita` hlief meta dan ikun il-kawza wahdanija jew ewlenija tieghu, u zball ta' fatt li ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim (Art 975 u 976 tal-Kap 16).

Mix-xhieda moghtija mill-atturi jidhrr li wahda mill-kawzali tan-nullita` tal-kuntratt imsemmi huwa l-izball ta' fatt. Dawn qed isostnu li ma kienux jafu li kienet qed tigi kostitwita ipoteka specjali fuq id-dar taghhom, u specjalment l-attrici sostniet li ma kienitx taf x'inhu jsir.

Illi "*dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li biex jaghti lok ghat-thassir tal-kuntratt l-izball ta' fatt irid ikun zball sostanzjali. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Marzu, 1936 fl-ismijiet "**Alessandro Portanier vs Paolo Dalli**" irriteniet li 'errore di fatti' ma jgibx ghan-nullita` tal-konvenzjoni 'se quando cade sulla sostanza stessa della cosa che ne e` l'oggetto'. In sostenn ta' dan saret referenza ghal dak li jinghad minn l-awtur Franciz Laurent (Vol XV, p 455) li fuq dan il-kuncett qal hekk: 'Pothier ci dira` cio` che bisogna intendere per errore sulla sostanza*

*della cosa. L'errore annulla che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa. L'errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita`, ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale; bisogna che esso cada su di una qaulita` principale, ed e` l'intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualita` e` o no principale. E il caso di applicare il principio di Domat: Le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita` che esse le supponevano; l'errore sara` sostanziale".* ("**Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et**" – 10 ta' Marzu 1997 A.J.M. Vol LXXXI.III.44).

Illi a bazi ta' tali principji ma rrizultax lanqas li l-kunsens ta' l-atturi kien moghti bi zball ghaliex l-atturi kienu jafu x'inhu jsir anke jekk sostnew il-kuntrarju, ghaliex forsi huma hekk jaqblilhom jghidu.

Illi huwa ghalhekk illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress li ma rrizultax li l-kunsens ta' l-atturi ghall-kuntratt tat-8 ta' Lulju 1996 gie mehud bi vjolenza, ghemil doluz u gie moghti bi zball.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad it-talbiet attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Mejju 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Mejju 2001**